**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 26 ta' Jannar, 2017**

**Kawża Nru 11**

**Ċitazz. Nru. 903/04JRM**

Joseph **CASSAR**

vs

**STEEL STRUCTURES COMPANY LIMITED** (C – 4192)

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Novembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti ssib (i) li l-kumpannija mħarrka hija responsabbli għal inċident illi ġarrab l-attur fl-10 ta' Dicembru, 2001, meta korra waqt li kien qiegħed jaħdem fuq inkarigu tagħha; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnu, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit; u (iii) tordna lill-kumpannija mħarrka tħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Novembru, 2004[1], li bih ordnat in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta' Mejju, 2006, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi ċaħdet kull responsabbilta' għall-inċident;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Mejju, 2006[2], li bih qiegħdet il-kawża fuq il-Lista tal-Kawżi ta' Qabel is-Smigħ ('*pre-trial*') u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tmexxi dak l-istadju tal-kawża;

Rat it-talba mressqa mill-kumpannija mħarrka waqt is-smiegħ tal-14 ta' Mejju, 2009[3], sabiex jinħatar bħala perit mediku, il-konsulent Frederick Żammit Maempel, liema talba ġiet milqugħa. Il-perit mediku ġie mitlub jeżamina lill-attur, jistabillixxi jekk l-attur isofrix minn debililta' permanenti u jekk fl-affermattiv, f'liema grad. Huwa ġie mitlub ukoll jistabbilixxi jekk d-debilita' permanenti hijiex kompatibbli mal-inċident mertu tal-kawża;

Rat ir-Rapport[4] imressaq mill-perit mediku tas-6 ta' Lulju, 2009, u minnu maħluf kif imiss waqt is-smiegħ tat-18 ta' Novembru, 2009;

Rat in-nota ta' l-attur imressqa fit-18 ta' Novembru, 2009[5], fejn talab il-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali, liema talba ġiet milqugħa[6], u nħatru għal dan il-għan il-Kirurgi Ortopediċi Raymond Gatt, Carmel J. Sciberras u Charles Grixti;

Rat ir-Rapport imressaq mill-periti mediċi addizzjonali fit-3 ta' Marzu, 2010[7], u minnhom maħluf kif imiss fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2010[8] li bih tat lill- partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonjiiet tagħhom bil-miktub;

---

[1] Paġġ 9 – 10 tal-proċess
[2] Paġ. 30 tal-proċess
[3] Paġ. 222 tal-proċess
[4] Paġġ. 226 – 9 tal-proċess
[5] Paġ. 231 tal-proċess
[6] Paġ. 232 tal-proċess
[7] Paġġ. 246 – 251 tal-proċess
[8] Paġ. 254 tal-proċess

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-31 ta' Jannar, 2011[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka tat-13 ta' April, 2011[10], bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xoghol. L-attur, impjegat mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "SSC"), korra waqt li kien qiegħed fuq xogħolu mal-kumpannija mħarrka. Huwa jgħid illi SSC taħti għal dak li ġralu għaliex kienet traskurata u naqset li tħares ir-regolamenti tas-sigurta' fuq l-ambjent tax-xogħol kif meħtieġ. Billi ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, l-attur talab li SSC tikkumpensah għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*');

Illi għal din l-azzjoni, SSC laqgħet billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur;

Illi bħala fatti relevanti li joħorġu mill-atti ta' din il-kawza jirriżulta li l-attur twieled fis-sena 1951[11] u li meta ġara l-inċident kellu ħamsin (50) sena[12]. Illi meta seħħ l-inċident, huwa kien jaħdem bħala '*storekeeper*' ma' SSC, dakinhar kien ilu jaħdem ma' SSC għal madwar xahrejn[13] (daħal jaħdem fil-15 ta' Ottubru, 2001[14]) u fis-sena 2004 ħareġ għal kollox mix-xogħol u ngħata l-pensjoni għall-invalidita'[15];

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur jgħid li kien liebes *safety shoes*, u li s-superjur tiegħu kien tah l-istruzzjonijiet biex jaqla' xi '*labels*' minn fuq '*thread bars*' li, fi kliem l-attur, kienu stivati weqfin, jistrieħu ma' ħajt, ġo spazju bejn żewġ xkaffi (*racks*) tal-ħadid[16]. It-'*thread bars*' kienu

[9] Paġġ. 255 – 261 tal-proċess
[10] Paġġ. 266 – 271 tal-proċess
[11] Dok. "JC3" f'paġ. 18 tal-proċess
[12] L-inċident seħħ nhar il-10 ta' Diċembru, 2001
[13] Xhieda ta' Mark Ċini f'paġ. 82 tal-proċess
[14] Ara Dok "JC1", f'paġ. 93 tal-proċess
[15] Kontro eżami tal-attur f'paġ. 135 tal-proċess
[16] Ara Dok "JCZ" f'paġ. 193 tal-proċess u wkoll ix-xhieda ta' Ġiustu Busuttil f'paġ. 153 tal-proċess

jistrieħu ma' qafas tal-ħadid li ma kienx marbut mal-ħajt[17]. Xi żmien wara l-inċident, jirriżulta illi l-qafas twaħħal mal-ħajt fuq inkarigu ta' SSC[18]. It-'*thread bars*' kienu magħluqa tnejn tnejn fil-plastika[19] u biex l-attur seta' jaqla' t-tikketta ried jaqla' t-'*thread bars*' minn ġo posthom u jerġa' jpoġġihom lura fejn kienu[20]. It-'*thread bars*' kellhom dijametru ta' 36 ċentimetru u twal madwar metru kull waħda minnhom[21];

Illi ftit tal-ġranet qabel l-inċident, l-attur flimkien ma' numru ta' ħaddiema oħra, stivaw it-'*thread bars*' fl-ispazju imsemmi aktar 'il fuq, u l-istivar sar taħt is-superviżjoni tal-persuna responsabbli mill-i*stores*[22];

Illi ħareġ ukoll li bejn l-ixkaffar u l-ħajt kien hemm kuridur li fih jinżamm materjal tal-azzar u partijiet li SSC tuża fil-produzzjoni tagħha[23] u dakinhar tal-inċident, l-attur kien qed jaħdem f'dan l-ispazju li parti minnu kien meħud bil-kaxxi[24]. L-attur jgħid illi, waqt li kien għaddej b'xogħolu kif mitlub, il-qafas tal-ħadid waqa' għal fuqu bir-riżultat li riġlu x-xellugija nqabdet fit-toqol tat-'*thread bars*'[25]. Huwa korra fir-riġel u fil-wiċċ tal-ġog tal-irkobba x-xellugija u kellu wkoll grif fl-irqiq ta' bejn il-koxxa u ż-żaqq ("*groin*") fin-naħa tax-xellug[26];

Illi dak il-ħin li l-attur korra ma kien hemm ħadd ħdejh, imma malli waqa' l-qafas fuqu u billi l-bieb tal-kuridur kien miftuħ, beda jsejjaħ l-għajnuna u xi wħud minn sħabu ġew jgħinuh u sabuh maqbud kif qal. Xi persuni li tawh l-għajnuna ikkonfermaw il-verżjoni tal-attur fis-sens illi raw lill-attur maqbud taħt il-qafas tal-ħadid bl-oġġetti li kien hemm fih jgħabbu fuqu[27]. Minkejja li wara sforz tneħħew l-oġġetti li waqgħu fuq l-attur minn fuqu, hu ma setax jimxi u riġlu żammitu[28], u tniżżel isfel fil-'*ground-floor*' tal-*workshop* minn sħabu;

Illi wara l-inċident, l-attur ittieħed l-isptar minn wieħed minn sħabu f'karozza ta' SSC[29], u għamel żmien barra mix-xogħol[30]. Tul dan iż-żmien, l-attur baqa' jitħallas minn SSC[31];

---

[17] In kontro-eżami, f'paġ. 118 tal-proċess, l-attur jiddeskrivi dan il-qafas tal-ħadid bħala mejda mingħajr wiċċ. Aktar tard l-attur jippreżenta skizz tiegħu mmarkat bħala dok. "JCZ1" f'paġ. 194 tal-proċess
[18] Kontro-eżami ta' Kurt Ċini f'paġġ. 180 u 189 tal-proċess
[19] Kontro-eżami tal-attur f'paġġ. 115 – 7 tal-proċess
[20] *Ibid* paġ. 126 tal-proċess
[21] Affidavit tal-attur f'paġ. 13 tal-proċess
[22] Kontro-eżami tal-attur f'paġ. 120 – 1tal-proċess
[23] Xhieda ta' Mark Ċini f'paġ. 80 tal-proċess
[24] Ara Dok "JV", f'paġ. 138 tal-proċess u l-kontro-eżami ta' Ġustu Busuttil f'paġ. 168 tal-proċess
[25] Affidavit tal-attur f'paġ. 13 tal-proċess
[26] Xhieda tal-Kirurgu Anthony Bernard f'paġ. 60 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Grezzju Grech f'paġ. 43 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda ta' Herbert Spiteri f'paġ. 47 tal-proċess
[29] Dok. "JC1" f'paġ. 16 tal-proċess
[30] Ara kontro-eżami tal-attur f'paġ. 132 tal-proċess
[31] Ara x-xhieda ta' Mark Ċini f'paġ. 87 tal-proċess

Illi l-attur dam ma jidħol lura għax-xogħol sal-5 ta' Diċembru tal-2002[32]. Meta daħal lura baqa` jagħmel l-istess xogħol[33], u fit-23 ta' April, tal-2004, irtira minħabba saħħtu. Jirriżulta illi l-attur daħal l-isptar aktar minn darba u saħansittra sarulu interventi kirurġiċi f'riġlejh[34] fejn tneħħewlu l-'*pins*' tal-metall li kienu tqiegħdu mal-ewwel intervent;

Illi minkejja dawn l-interventi, l-attur baqa' ma kisibx lura mixja normali u l-irkobba baqgħet minfuħa u baqa' jzappap mal-mixja. Kien minħabba f'hekk u minħabba li ma setax jagħmel ix-xogħol li kien jagħmel qabel li l-attur irtira mix-xogħol;

Illi fis-26 ta' Novembru, 2003, l-attur talab lil SSC b'ittra uffiċjali sabiex tersaq għal likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens[35];

Illi fit-22 ta' Novembru, 2004, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien jaħti għall-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin minn SSC, illi illimitat ruħha biex tgħid li hija ma kienet taħti bl-ebda mod għal dak li seħħ;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li SSC naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Dan għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, għaliex SSC kienet traskurata meta naqset li torbot il-qafas tal-ħadid li fih kienu stivati t-'*thread bars*' mal-ħajt bir-riżultat illi dan inqaleb fuqu b'kulma kien mgħobbi bih; it-tieni, illi l-ispazju li fih kien qed jaħdem kien dejjaq wisq u għaldaqstant ma setax iwarrab biex jevita l-inċident x'ħin il-qafas inqaleb fuqu. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel;

---

[32] Xhieda tiegħu f'paġ. 195 tal-proċess
[33] *Ibid*. Ara wkoll kontro eżami tal-attur f'paġ. 132 tal-proċess
[34] Dok. "JC4" sa Dok. "JC7" f'paġġ. 19-22 tal-proċess
[35] Dikjarazzjoni tal-attur f'paġ. 3 tal-proċess

Illi min-naħa tagħha, SSC tiddefendi l-każ tagħha billi tgħid illi hi ma taħti xejn għal dak li ġarrab l-attur. Hija tistrieħ fuq erba' difizi: l-ewwel, illi l-attur ma kienx qed jagħmel xogħol li ma kienx jaf jew ma felaħx jagħmlu; it-tieni, li l-attur innifsu kien, f'xi żmien qabel, involut fl-istivar tat-'*thread bars*' fil-post li dakinhar tal-inċident spiċċaw waqgħu fuqu; it-tielet, li l-ħsara li ġarrab l-attur ġabha b'idejh; u r-raba', li l-attur nnifsu mhux f'qagħda li jispjega kif ġara l-inċident;

Illi fid-dawl ta' dawn ix-xiljiet u l-kontestazzjonijiet, il-Qorti trid tabilfors tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbilta'** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa minn SSC;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam tar-responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabilta' għal għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[36]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għall-aġir mal-ħaddiem tiegħu[37], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[38] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem[39];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[40]. Daqstant ieħor

---

[36] Art. 1031 tal-Kap 16
[37] Art. 1037 tal-Kap 16
[38] Art. 6(2) tal-Kap 424
[39] Art. 6(3) tal-Kap 424
[40] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)

ifisser li jekk sistema jkun ilha titħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[41];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[42], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[43] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[44]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[45];

Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem mhijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[46], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[47];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[48], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li hu impjegat li jagħmel, jiġifieri xogħol ta' *storekeeper*. Fil-fatt, l-inċident seħħ waqt li kien qed jaqta' xi tikketti minn mat-'*thread bars*' fl-ambjent tal-kuridur li kien iservi ta' *store* fejn tinżamm materja prima li tintuża fix-xogħlijiet li SSC titqabbad tagħmel,

[41] P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
[42] Art. 7(1) tal-Kap 424
[43] Art. 7(2) tal-Kap 424
[44] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***
[45] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[46] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[47] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[48] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs. Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

xogħol li ma kienx jeħtieġ xi ħila kbira, kif jistqarr l-attur nnifsu[49]. Fuq kollox, kien xogħol li, minnu nnifsu ma kienx jesponi lill-attur għal xi periklu ta' korriment jew livell ta' riskju marbut ma' ħidma komplessa jew teknika;

Illi mill-provi ma jirriżultax li l-attur ma kienx mgħammar b'ilbies protettiv. Għall-kuntrarju, l-attur jistqar li kien liebes *safety shoes* u tagħmir li, fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-każ, għenu biex id-dannu li ġarrab fl-inċident ma jkunx aktar gravi[50]. SSC, minn naħa tagħha, dan ma tlumux, u tinqeda bih biex twarrab minn fuqha kull responsabbilta' għal dak li seta' ġara;

Illi l-aktar element importanti li l-Qorti tqis illi għandha tagħti widen għalih minn dak li jgħid l-attur huwa l-fatt li, fil-jum tal-inċident, il-qafas tal-ħadid li fih kienu mpoġġija t-'*thread bars*' ma kienx marbut mal-ħajt, u li wara l-inċident, SSC ħasset il-ħtieġa li dan torbtu permezz ta' żewġ '*brackets*', kif jirriżulta mill-provi mressqa minnha stess;

Illi lanqas ma jirriżulta illi ħdejn l-attur, waqt il-qadi ta' dmirijietu, SSC kienet ħalliet xi persuna li biex tissorvelja x-xogħol li kien qiegħed jagħmel l-attur jew biex tagħti l-għajnuna fit-tqandil tat-'*thread bars*' u li għaldaqstant setgħet tinduna b'dak li kien qed jiġri jew li tipprovdi għal certi nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza, minhabba familjarita` żejda max-xoghol, li jittraskuraw riskji inerenti fix-xoghol taghhom[51]. Kien jaqa' fuq SSC li turi li f'dak il-ħin partikolari, l-attur kienet qed issirlu sorveljanza, ħaga li SSC ma ppruvatx. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[52];

Illi min-naħa l-oħra, l-argument imressaq minn SSC fix-xhieda mogħtija minn wieħed mid-diretturi tagħha li l-attur kien ħaddiem ta' esperjenza u midħla tax-xogħol[53], u li l-qafas tal-ħadid ma kienx meħtieġ billi t-'*thread bars*' kienu miġbura fi spazju bejn żewġ xkafef u għaldaqstant ma setgħux jaqgħu minħabba anke li kienu qed jistriehu mal-ħajt innifsu[54], ma humiex biżżejjed biex jeħilsuha mid-dmir li tipprovdi lill-ħaddiem bis-supervizzjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[55];

---

[49] Kontro eżami tal-attur f'paġ. 125 tal-proċess
[50] Affidavit tal-attur f'paġ. 14 tal-proċess
[51] App. Ċiv. **15.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***
[52] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismjiiet ***Michael Fenech vs. Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[53] Xhieda ta' Mark Cini f'paġ. 86 tal-proċess
[54] *Ibid* paġ. 87 tal-proċess
[55] P.A. TM, **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)

Illi ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti żżid ukoll il-fatt li l-qafas tal-metall inqaleb fuq l-attur b'kulma kien hemm mgħobbi fuqu bla ma jidher li l-attur wettaq xi manuvra ażżardata biex ġab dan b'idejh. Mill-mod kif l-attur instab maqbud bejn ħajt tal-kuridur u l-qafas li waqa' fuqu, jidher ċar li, fil-ftit wisgħa li kien hemm fejn kien mistenni jaħdem, l-attur ma kellux żmien biżżejjed biex iwarrab minn fejn kien u jeħles mit-tiġrif tal-qafas metalliku. Fit-tieni lok, inġabet xhieda li turi li, fi kwestjonijiet ta' saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol kien hemm drabi fejn SSC ħabtet difrejha mal-awtoritajiet kompetenti dwar il-ħarsien mistenni minnha fil-liġi f'dak li jirrigwarda saħħet il-ħaddiema tagħha u l-ħarsien minn ambjent ta' periklu għalihom[56];

Illi f'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' xejra legali u ġuridika li saru aktar qabel, il-Qorti tasal għall-fehma illi SSC naqset milli żżomm f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema tagħha waqt xogħolhom, b'mod partikolari l-attur f'dan il-każ. Għaldaqstant SSC trid terfa' r-responsabbilta' tagħha f'dak li ġara;

Illi jmiss li l-Qorti tqis l-argument ta' SSC illi kien l-attur innifsu li ġab dan kollu b'idejh ladarba kien involut fl-istivar tat-'*tread bars*' f'xi żmien qabel u li dawn waqgħu fuqu għax hekk kien għamilhom hu. B'dan l-argument SSC tgħid li għaldaqstant hija m'għandhiex twieġeb għal dak li l-attur għamel minn rajh u għal dak li seta' ġralu minħabba f'hekk. Jidher illi SSC tibni l-argument fuq x'tassumi hi li seta' ġara ladarba ma kien hemm ħadd preżenti mal-attur waqt il-ħin tal-inċident u l-attur innifsu ma jafx jispjega x'wassal għall-inċident. Fi kliemha, meta ġew stivati t-'*thread bars*', minflok tpoġġew iserrħu mal-ħajt, tpoġġew iserrħu mal-ħadida li kienet tirfed il-qafas. Tgħid ukoll illi l-attur għamel saħħa fuq il-ħadida tant li qaċċatha[57];

Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[58]. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment imġarrab[59]. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li kkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet[60]. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor

[56] Ara Dok "DS", f'paġġ. 97 sa 105 tal-proċess
[57] Kontro-eżami ta' Mark Ċini f'paġġ. 84 – 5 tal-proċess
[58] Art. 1031 tal-Kap. 16
[59] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix appellata)
[60] Art. 1051 tal-Kap. 16

dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, mhemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra[61], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[62]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara[63]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit,* u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[64]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria;*

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, il-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[65]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għemil tal-parti l-oħra[66]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[67];

---

[61] App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs. Micallef*** (Kollez. Vol. **XLVIII.i.59**)
[62] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
[63] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Fenech vs. Rook Construction Ltd et***
[64] Ara b'eżempju App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***
[65] Ara s-sentenza riċensuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[66] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[67] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)

Illi meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-lum, il-Qorti tasal għall-fehma li l-argument ta' SSC li l-attur ikkontribwixxa għal dak li ġralu ma ġiex ippruvat. Lanqas ma ntwera li l-attur aċċetta bi qbil li jwettaq xi ħaġa li esponiethu għal riskju; jew li l-aċċettazzjoni minn naħa tiegħu kienet volontarja u li kien jaf l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħel għalih. Il-Qorti hija tal-fehma li jekk kien l-attur (u mhux waħdu) li stiva t-'*thread bars*' mhux kif suppost, kien hemm żmien biżżejjed biex xi rappreżentant mit-tmexxija ta' SSC jintebaħ u jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema biex jitneħħa l-periklu. Fit-tieni lok, jidher li dak li ġara ma kienx mistenni mill-attur u ġara għaliex il-qafas ma kienx marbut sod biżżejjed biex ma jinqalibx. SSC ma wrietx li l-attur ġibed il-qafas fuqu għall-gost u pjaċir li jwaqqa' piż qawwi ta' metall fuq riġlu. Għall-kuntrarju, jidher li t-tiġrif tal-qafas seħħ daqstant għall-għarrieda li l-attur lanqas kellu l-ħin iwarrab biex ma jinqabadx taħtu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għal fehma illi SSC hija responsabbli waħedha għall-ħsara li ġarrab l-attur;

Imiss li l-Qorti tqis **jekk il-ħtija minn naħa ta' SSC ikkaġunatx id-dannu attwalment imġarrab mill-attur,** għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[68];

Illi l-attur ressaq il-prova li ddaħħal l-isptar b'emergenza u li sarulu aktar minn operazzjoni waħda marbuta ma' dan l-incident. Il-Qorti għandha quddiemha ukoll il-fehma medika tal-Kirurgu Anthony Bernard li ra lill-attur f'Diċembru tas-sena 2004[69], u li jistqarr li ma jidhirx li kien hemm ċirkustanzi oħra qabel l-inċident li setgħu ikkawżaw id-dannu attwalment imġarrab mill-attur[70]. Għandha quddiemha wkoll żewġ rapporti mediċi oħra li jikkonfermaw l-istess sejbiet mediċi tal-kirurgu Bernard, għajr għal persentaġġ ta' diżabilita'[71];

Illi barra minn hekk, ma ntweriex li meta daħal jaħdem magħha l-attur, SSC issottoponietu għal xi testijiet, u għalhekk naqset hi stess milli tista' tistabilixxi b'ċertezza jekk kemm-il darba l-attur kienx diġa' jbati minn xi kundizzjoni preċedenti;

Illi fir-rigward ta' kemm l-attur ġarrab debilita' permanenti, l-espert imqabbad *ex parte* mill-attur fis-sena 2004, wasal għall-fehma li l-attur

[68] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhix ppublikata)
[69] Xhieda ta' Anthony Bernard f'paġ. 59 tal-proċess
[70] Kontro eżami f'paġ. 215 tal-proċess
[71] Rapport mediku ta' Frederick Żammit Maempel f'paġġ. 226 – 9 tal-proċess, u Rapport mediku tal-Periti Addizzjonali f'paġġ. 246 – 251 tal-proċess

ġarrab debilita' permanenti ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%). Min-naħa l-oħra, l-ewwel perit mediku mqabbad mill-Qorti fir-rapport tiegħu tal-4 ta' Lulju, 2009, wasal għall-fehma li l-attur ġarrab debilita' ta' għaxra fil-mija (10%), filwaqt illi il-periti mediċi addizzjonali fir-rapport tagħhom tat-3 ta' Marzu, 2010, waslu għall-fehma li l-attur ġarrab debilita' ta' tnax fil-mija (12%). Il-Qorti tifhem li din id-differenza tirriżulta l-aktar minħabba li, bejn l-ewwel rapport u dak tal-periti addizzjonali, laħaq għadda xi żmien li fih il-qagħda ta' saħħet l-attur setgħet inbidlet jew ikkristallizżat;

Illi l-Qorti tqis illi l-periti mediċi addizzjonali ma tressqux jixhdu in eskussjoni u lanqas ma jidher li SSC ikkontestat b'xi mod il-grad ta' debilita' li waslu għalih l-istess esperti tal-Qorti. Ta' min jgħid li l-esperti flew ukoll jekk qabel l-inċident l-attur kienx ibati minn xi debilita';

Illi għalkemm il-Qorti mhix marbuta li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova ohra, mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li għandu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti m'għandhiex leggerment tinjora dik il-prova. Mill-atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiz mill-Qorti mingħajr l-opinjoni ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, "*dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika*"[72] u li Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku"[73];

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u wara li eżaminat b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rapport tal-Perit Bernard fir-rigward tar-rabta bejn l-inċident u l-ħsara li ġarrab l-attur, kif ukoll dak tal-Periti Addizzjonali fir-rigward ta' kemm l-attur ġarrab debilita' permanenti, mhux ta' min jiskartahom u sejra toqgħod fuqhom fin-nuqqas ta' provi oħra aħjar li l-Qorti tista' toqgħod fuqhom, magħduda dawk imressqin *ex parte* mill-attur;

[72] App. Ċiv. **19.11.2001** fil-kawża fl-ismijet ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud***
[73] App Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Carlo Fino et vs Joseph Vella et*** u r-referenzi hemm imsemmija

Illi għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-ewwel talba hija tajba u sejra tilqagħha. Bl-istess mod, minħabba l-fehma li l-Qorti waslet għaliha, l-eċċezzjonijiet imqajma minn SSC mhux sejrin jintlaqgħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tal-kumpens** li jistħoqqlu jiġbor l-attur, jibda biex jingħad li, mill-atti tal-kawża u mill-provi mressqa, l-attur mhuwiex qed jitlob kumpens għal infieq magħmul minnu minħabba l-inċident (*damnum emergens*), iżda biss għal telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*)[74]. Dan jirriżulta wkoll minħabba l-fatt li, sakemm dam impjegat ma' SSC, l-attur baqa' jitħallas il-paga kollha minkejja li kien barra mix-xogħol bil-frank minħabba l-korriment ('*injury leave*');

Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċetatament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diga' minn dak inhar tal-inċident sal-lum, u wkoll dak li se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċita' għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kliem "*inkapaċita' għal dejjem*" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dak il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*"[75];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa' jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralha xejn minn dak li għaddiet minnu[76];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special*

---

[74] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 260 tal-proċess
[75] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Fenech et vs. Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[76] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)

*damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*[77]";

Illi din id-distinzjoni tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[78]. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunita' għall-vitma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansittra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[79];

Illi ħaġ'oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment[80]. Huwa għalhekk li jinsab stabilit ukoll li l-'*multiplier*' jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurta soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom fi ħwejjeġ bħal dawn[81]. Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal fiż-żmien li kien impjegat ma' SSC;

Illi dak in-nhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu l-eta' ta' ħamsin (50) sena. L-aħħar dħul tiegħu għal sena sħiħa skond l-FS3 relattiva għas-sena

---

[77] Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death (3rd. Edit). §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64
[78] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol. **XLVIII.i.500**)
[79] App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez, Vol. **LXXXII.ii.242**)
[80] P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)
[81] Kemp *op cit.* §§ 3.29 - 3.30 f'paġ. 73

2003 kien dak ta' erbat elef u tmienja u sittin Lira Maltin, erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm4068.44) gross[82]. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' seba' Liri Maltin (Lm7) bħala taxxa tad-dħul, u seba' mija u tnejn u għoxrin Lira Maltija u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm722.44) bħala kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett huwa dak ta' tlett elef, tliet mija disa' u tletin Lira Maltija u erba' ċenteżmi (LM3,339.04[83]) bħala dħul nett tal-attur fl-aħjar sena li ħadem ma' SSC. Kien mistenni li, kieku l-attur ma waqafx mill-impieg, is-salarju tiegħu kien jiżdied regolarment b'żidiet tal-għoli tal-ħajja. Mill-kalkoli li jirriżultaw fid-dispożizzjonijiet tal-liġi relattiva[84], jidher li l-paga tal-attur kienet tiżdied b'sitta u tletin fil-mija (36%) ta' kemm kienet meta seħħ l-inċident. Għaldaqastant, il-Qorti sejra tadotta moltiplikand ta' għaxart elef ħames mija u tmienja u sebgħin euro (€ 10,578)[85] kull sena ;

Illi għar-raġunijiet mtennija aktar il-fuq, għall-finijiet ta' debilita' permanenti mġarrba mill-attur, il-Qorti hija tal-fehma li jmissha toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-periti mediċi addizzjonali, u għaldaqstant ser tqis illi l-attur għandu debilita' li ma tgħaddix ta' tnax fil-mija (12%)[86];

Illi dwar l-għadd tas-snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak in-nhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta' ħdax-il (11) sena[87];

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[88]. Illi l-Qorti jidhrilha illi ma kienx hemm telf ta' żmien mill-attur. F'dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għal għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[89];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tlieta u sittin euro, (€13,963)[90];

[82] Ara Dok "WD", f'paġ. 207 tal-proċess, li jġibu €9,476.44 fi flus tallum
[83] Li jġibu € 7,777.87 fi flus tallum
[84] Ara A.L. 126/1992 (L.S. 452.71)
[85] 0.36 x € 7777.87 = € 2,800 + € 7777.87 = € 10,577.90
[86] Rapport Mediku f'paġ. 251 tal-proċess
[87] P.A. LFS **18.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Emeline Cini vs Antione Cachia***
[88] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annunzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[89] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs. Alfred Calamatta et noe*** (maqluba mill-Qorti tal-Appell **29.2.2008**)
[90] € 10,578 x 0.12 x 11 = € 13,962.96

Illi b'dan il-mod, il-Qorti sejra tilqa' **t-tieni u t-tielet talbiet** attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha fl-10 ta' Diċembru, 2001;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tlieta u sittin euro, (€13,963)b'konsegwenza ta' l-inċident imsemmi;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlettax-il elf disa' mija u tlieta u sittin euro (€13,963) bħala danni likwidati minħabba l-imsemmi inċident, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka, għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** tħallashom il-kumpannija mħarrka.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**26 ta' Jannar, 2017**

**Carmen Sciciluna**
**Deputat Registratur**

**26 ta' Jannar, 2017**